MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Avviz Numru. 45/2010

**Premier Leasing and Investments Company Limited (C–18214)**

**vs**

**Caroline Debattista**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimata ghall-hlas tas-somma ta’ tmint elef, sitt mija u hamsa u disghin Ewro u ghoxrin centezmu, (€8,695.20), rapprezentanti import ta’ tnax (12) –il kambjala skaduta, accettati u ffirmati mill-intimata;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment l-intimata naqset u ma dehritx, la fis-7 t'April tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimata Caroline Debattista thallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u hamsa u disghin Ewro u ghoxrin centezmu, (€8,695.20), lis-socjeta` rikorrenti *Premier Leasing and Investments Company Limited (C-18214)*;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------